MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta’ April, 2025

Appell Inferjuri Numru 17/2024 LM

**Janeveb Zammit (K.I. 0335318(L))**
*(‘l-appellanta’)*

***vs.***

**GO p.l.c. (C 22334)**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Janeveb Zammit (K.I. Nru. 0335318L)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta’ Settembru, 2024, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha

ddeċieda t-talba tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata **GO p.l.c. (C 22334)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] billi ċaħadha, bl-ispejjeż kontriha.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw kont li ħarġet is-soċjetà intimata lir-rikorrenti għall-użu tal-*mobile,* li allegatament kien ġie misruq waqt li t-tifla tagħha kienet qiegħda għall-btala ġewwa l-Greċja.

**Mertu**

3. L-appellanta ppreżentat ilment quddiem it-Tribunal fit-8 ta' Mejju, 2024, fejn spjegat il-fatti li wasslu għall-preżentata tal-imsemmi lment, u li s-soċjetà appellata kienet amikevolment offriet li taċċetta l-ħlas ta' nofs il-kont. Hija stqarret li ma kinitx aċċettat din is-soluzzjoni amikevoli għall-vertenza ta' bejniethom, għaliex hija kienet talbet sabiex il-linja tiġi '*blocked',* kif jirriżulta mis-sistema tas-soċjetà appellata.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn filwaqt li nsistiet li l-appellanta għandha tispjega u tiġġustifika l-ilment tagħha, iddikjarat li l-imsemmi lment kien infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Considers***

*That the claimant is a customer of the defendant company as per contractual agreement marked as Doc. MM3.*

*That the claimant is alleging that when her daughter was on holiday in Greece, her mobile phone was stolen. During the timeframe from when her mobile phone was stolen till the simcard was blocked calls were made from such mobile phone as reflected in the bill marked as Doc JZ1 which is the sum contested in this case.*

***Further Considerations***

*That one of the main points of contention in the present revolves around the fact that the claimant alleged that it took her around 45 minutes to contact GO plc and thus the damages incurred could have been minimised greatly. She declared that her daughter had informed her that her mobile phone was stolen at 13.15.*

*On the other hand, GO plc as declared under oath by their customer care representative Marlon Mercieca declared that the first call they received from the plaintiff was at 16.00 whilst the simcard was blocked at 16:13.*

*From the evidence produced by the plaintiff herself, it clearly transpires that the claimant's daughter informed her that the phone was stolen at 14:41, thus clearly not as indicated by the claimant. Moreover, the claimant replied back to her daughter at 15:10. At 15:43 she was still conversing with her daughter and there is no evidence whatsoever proving that indeed the plaintiff had tried to reach GO plc. Thus the evidence tendered by GO plc, that the call received from the claimant was at 16:10 is well founded."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

*"...jogħġobha tħassar u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Għat Talbiet tal-Konsumatur datata 10 ta' Settembru, 2024 u konsegwentement tvarja u tnaqqas l-ammont ta' kumpens dovut mill-appellanta lill-appellata fuq il-kont (Dok. JZ1) in vista tal-aggravji premessi."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta’ ġustizzja naturali u b’hekk ġew ippreġudikati d-drittijiet tagħha meta ma fissirx il-motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu.

7. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-22 ta’ Ottubru, 2024, fejn stqarret li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta, u għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħda tressaq l-appellanta, u dan fid-dawl ta’ dak li ddeċieda t-Tribunal u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

9. L-appellanta tikkontendi li t-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta’ ġustizzja naturali u smigħ xieraq *ai termini* tas-subinċiż (ċ) tas-subartikolu 22(2) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma ta l-ebda motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata. B’hekk tikkontendi li ġew ippreġudikati d-drittijiet tagħha. Tispjega li t-Tribunal ma taha l-ebda opportunità li tressaq ir-raġunijiet tagħha sabiex tispjega għaliex hija kienet qiegħda tikkontesta r-rendikont esebit mir-rappreżentant tas-soċjetà appellata, u mmarkat bħala ‘Dok. MM2’. L-appellanta tfisser dawn ir-raġunijiet, iżda l-Qorti tgħid li hija mhijiex ser tidħol fil-kwistjoni tal-mertu għaliex m’għandha l-ebda kompetenza li tagħmel dan skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 22(3) tal-Kap. 378. In sostenn tal-argument tagħha, l-imsemmija appellanta tiċċita dak li jipprovdi is-subartikolu 21(1) ta’ dik il-liġi, u tagħmel riferiment għall-insenjament ta’ din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva fir-rigward tal-prinċipju ta’ ġustizzja naturali.

10. Is-soċjetà appellata ssostni li d-deċiżjoni appellata hija ġusta, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata. Tissottometti li l-allegazzjoni min-naħa tal-appellanta li t-Tribunal naqas li jagħtiha l-opportunità li tikkontesta x-xhieda tar-rappreżentant tagħha, Marlon Mercieca, hija skorretta u ma tirriflettix dak li seħħ quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellata tikkontendi li l-appellanta ngħatat kull opportunità li tressaq il-provi tagħha f'żewġ seduti, u anki li tagħmel il-mistoqsijiet lix-xhud Marlon Mercieca, li saħansitra xehed bl-ilsien Ingliż sabiex b'hekk l-appellanta setgħet tifhem dak li kien qiegħed jgħid. Hija tirrileva li l-appellanta fil-verità qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tinvestiga l-mertu tal-każ odjern. Tgħid li mhux biss it-Tribunal akkorda lill-appellanta s-smigħ dovut, iżda wasal ukoll għall-konklużjonijiet tiegħu għaliex skont il-provi tagħha stess huwa ma kienx emmen il-verżjoni tagħha.

11. Il-Qorti tgħid li l-appellanta m'għandhiex raġun. Mill-atti tat-Tribunal jirriżulta biċ-ċar, li kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata, hija ngħatat l-opportunità sabiex tressaq il-provi tagħha waqt l-udjenza tat-18 ta' Ġunju, 2024, u fl-udjenza tat-3 ta' Settembru, 2024. Tikkunsidra li ma jirriżulta l-ebda ostakolu li seta' mpedixxa lill-appellanta milli tagħmel kontro-eżami tax-xhud Marlon Mercieca, anki fir-rigward tad-dokumenti li ġew esebiti dakinhar li huwa xehed waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru, 2024. Meta mbagħad it-Tribunal ikkunsidra dak li xehdet l-appellanta stess, sab li minħabba n-nuqqas tad-debita prova, huwa ma setax jaċċetta l-allegazzjoni tagħha li hija kienet għamlet tentattiv sabiex tikkomunika mas-soċjetà appellata qabel il-ħin ta' 16:10, meta ġiet reġistrata l-ewwel telefonata mis-soċjetà appellata.

12. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti ssib li t-Tribunal tassew assigura li l-appellanta tingħata smigħ xieraq fil-proċeduri li hija kienet intavolat quddiemu, anki billi ta motivazzjoni xierqa fid-deċiżjoni appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiċħad l-appell odjern, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-preżenti appell għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**